SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba’ Awla)

23 ta’ Ottubru 2025*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Enerġija – Promozzjoni tal-effikaċja enerġetika – Direttiva 2012/27/UE – Artikolu 9(3) – Kontabbiltà trasparenti u eżatta tal-konsum ta’ enerġija termali tal-partijiet komuni – Nuqqas ta’ teħid inkunsiderazzjoni tal-kwantità reali tas-sħana pprovduta lil kull abitazzjoni – Algoritmu dwar it-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum ta’ enerġija termali fil-kondominju”

Fil-kawża C-760/23 [Shanov][i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Rayonen sad Plovdiv (il-Qorti Distrettwali ta’ Plovdiv, il-Bulgarija), permezz ta’ deċiżjoni tat-28 ta’ Settembru 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta’ Diċembru 2023, fil-proċedura

**“EVN Bulgaria Toplofikatsia” EAD**

vs

**OZ,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba’ Awla),

komposta minn F. Schalin, President tal-Awla, M. Gavalec (Relatur) u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal “EVN Bulgaria Toplofikatsia” EAD, minn K. Nikolov, S. Popov u S. Radev,

– għal OZ, minn A. Slavchev, advokat,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. De Meester u E. Ruseva, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

i L-isem ta’ din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta’ ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li taqta' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU 2012, L 315, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 113, p. 24), tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE (ĠU 2006, L 114, p. 64), kif ukoll tal-Artikoli 101, 107 u 169 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn "EVN Bulgaria Toplofikatsia" EAD (iktar 'il quddiem "EVN"), impriża li tipprovdi enerġija termali, u OZ, persuna fiżika, dwar azzjoni għall-ħlas ta' kontijiet relatati mal-provvista ta' enerġija termali għall-akkomodazzjoni li tagħha OZ hija proprjetarja fi ħdan kondominju konness ma' sistema ta' tisħin distrettwali.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 8 u 20 tad-Direttiva 2012/27 jiddikjaraw:

"(8) Fit-8 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar Pjan Ewropew għall-Effiċjenza fl-Enerġija 2011. Il-Komunikazzjoni kkonfermat li l-Unjoni [Ewropea] mhijiex fit-triq it-tajba sabiex tilħaq il-mira tagħha għall-effiċjenza fl-enerġija. Dan minkejja l-progress tal-politika nazzjonali dwar l-effiċjenza fl-enerġija deskritti fl-ewwel Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Effiċjenza fl-Enerġija ppreżentati mill-Istati Membri biex jintlaħqu r-rekwiżiti tad-Direttiva [2006/32]. L-analiżi inizjali tat-tieni Pjani ta' Azzjoni tikkonferma li l-Unjoni mhijiex fit-triq it-tajba. Biex jinstab rimedju għal dak, il-Pjan għall-Effiċjenza fl-Enerġija 2011 iċċara għadd ta' politiki u ta' miżuri dwar l-effiċjenza fl-enerġija li jkopru l-katina sħiħa tal-enerġija, inklużi l-ġenerazzjoni, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija; ir-rwol ewlieni tas-settur pubbliku fl-effiċjenza fl-enerġija; il-bini u l-appliances; l-industrija; u l-ħtieġa sabiex il-klijenti aħħarin jingħataw is-setgħa ħalli jiġġestixxu l-konsum tal-enerġija tagħhom. […]

[…]

(20) Valutazzjoni tal-possibbiltà li tiġi stabbilita skema ta' 'ċertifikati bojod' fuq il-livell tal-Unjoni wriet li, fis-sitwazzjoni kurrenti, sistema ta' din ix-xorta toħloq spejjeż amministrattivi eċċessivi u li hemm riskju li l-iffrankar tal-enerġija jkun ikkonċentrat f'għadd ta' Stati Membri u ma jiġix introdott fl-Unjoni kollha. L-objettiv ta' tali skema fil-livell tal-Unjoni jista' jintlaħaq aħjar, għall-inqas f'dan l-istadju, permezz ta' skemi nazzjonali ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija għal utilitajiet tal-enerġija, jew miżuri ta'

politika alternattivi oħra li jilħqu l-istess ammont ta' ffrankar tal-enerġija. Huwa xieraq għal-livell ta' ambizzjoni ta' skemi ta' din ix-xorta li dawn ikunu stabbiliti f'qafas komuni fuq il-livell tal-Unjoni filwaqt li tkun ipprovduta flessibbiltà sinifikanti lill-Istati Membri sabiex tkun ikkunsidrata b'mod sħiħ l-organizzazzjoni nazzjonali tal-atturi tas-suq, il-kuntest speċifiku tas-settur tal-enerġija u d-drawwiet tal-klijenti aħħarin. Il-qafas komuni għandu jagħti lill-utilitajiet tal-enerġija l-għażla li s-servizzi ta' enerġija jiġu offruti lill-klijenti aħħarin kollha, mhux biss lil dawk li huma jbigħulhom l-enerġija. Dan iżid il-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija għaliex l-utilitajiet tal-enerġija jistgħu jiddifferenzjaw il-prodott tagħhom billi jipprovdu servizzi ta' enerġija komplementari. Il-qafas komuni għandu jippermetti wkoll li l-Istati Membri jinkludu fl-iskema nazzjonali tagħhom rekwiżiti li jkollhom għan soċjali, b'mod partikolari sabiex ikun żgurat li l-klijenti vulnerabbli jkollhom aċċess għall-benefiċċji ta' effiċjenza fl-enerġija ogħla. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, liema distributuri tal-enerġija jew kumpanniji li jbigħu l-enerġija fil-livell tal-konsum għandu jkollhom l-obbligu li jilħqu l-mira stabbilita minn din id-Direttiva tal-iffrankar tal-enerġija fl-użu finali.

[...]"

4 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/27 huwa redatt kif ġej:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija fi ħdan l-Unjoni sabiex ikun żgurat li sal-2020 tintlaħaq il-mira ewlenija għall-effiċjenza fl-enerġija ta' 20 % u sabiex titwitta t-triq għal iktar titjib fl-effiċjenza fl-enerġija lil hinn minn dik id-data.

Hija tistabbilixxi regoli mfassla sabiex ineħħu l-ostakli fis-suq tal-enerġija u sabiex jegħlbu n-nuqqasijiet tas-swieq li jimpedixxu l-effiċjenza fil-provvista u fl-użu tal-enerġija, u tipprovdi sabiex ikunu stabbiliti miri nazzjonali indikattivi għall-effiċjenza fl-enerġija għall-2020."

5 L-Artikolu 9(1) u (3) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, safejn huwa teknikament possibbli, raġonevoli mil-lat finanzjarju u proporzjonat fir-rigward tal-iffrankar potenzjali tal-enerġija, il-klijent aħħari tal-elettriku, tal-gass naturali, tat-tisħin u tat-tkessiħ distrettwali u tal-ilma sħun fid-djar jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum finali ta' enerġija mill-klijent u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu.

Tali arloġġi individwali bi prezz kompetittiv għandhom jiġu dejjem ipprovduti meta:

(a) arloġġ eżistenti jinbidel, sakemm dan ma jkunx teknikament impossibbli jew ma jkunx kosteffettiv meta wieħed jikkunsidra l-iffrankar potenzjali stmat fuq tul ta' żmien.

(b) ssir konnessjoni ġdida f'bini ġdid jew f'bini li fih isiru rinnovazzjonijiet kbar, kif stipulat fid-[Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU 2010, L 153, p. 13)].

[...]

3. Fejn it-tisħin u t-tkessiħ jew il-misħun jkunu pprovduti lil bini minn netwerk ta' tisħin distrettwali jew minn sors ċentrali li jkun qed jaqdi għadd ta' bini, għandu jiġi installat arloġġ tas-sħana jew tal-misħun fejn isir l-iskambju tat-tisħin jew fil-punt ta' konsenja.

Għandhom jiġu installati wkoll sal-31 ta' Diċembru 2016 arloġġi individwali tal-konsum f'bini b'aktar minn appartament wieħed u b'numru ta' użi b'sors ċentrali ta' tisħin/tkessiħ jew moqdi minn netwerk ta' tisħin distrettwali jew minn sors ċentrali li jaqdi għadd ta' binjiet, biex jitkejjel il-konsum ta' sħana jew tkessiħ jew misħun għal kull unità fejn ikun teknikament fattibbli u kosteffiċjenti. Fejn l-użu ta' arloġġi individwali ma jkunx teknikament fattibbli jew ma jkunx kosteffiċjenti, biex ikejlu s-sħana, għandhom jintużaw allokaturi individwali tal-ispiża għat-tisħin biex jitkejjel il-konsum tas-sħana f'kull radjatur, dment l-Istat Membru inkwistjoni ma jurix li l-installazzjoni ta' tali allokaturi tal-ispiża għat-tisħin ma tkunx kosteffiċjenti. F'dawk il-każijiet, jistgħu jiġu kkunsidrati metodi kosteffiċjenti alternattivi ta' kejl tal-konsum tas-sħana.

Fejn binjiet b'aktar minn appartament wieħed moqdija minn tisħin jew tkessiħ distrettwali, jew fejn is-sistemi komuni tagħhom ta' tisħin jew tkessiħ għal tali binjiet ikunu prevalenti, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu regoli trasparenti dwar l-allokazzjoni tal-ispiża ta' konsum termali jew tal-misħun f'tali bini biex tiġi żgurata t-trasparenza u l-preċiżjoni tal-kontijiet tal-konsum individwali. Fejn ikun xieraq, tali regoli għandhom jinkludu linji gwida dwar il-mod ta' allokazzjoni ta' spejjeż tas-sħana u/jew tal-misħun li hu użat kif ġej:

(a) misħun għall-ħtiġijiet domestiċi;

(b) sħana mormija mill-installazzjoni tal-bini u għall-iskop tat-tisħin taż-żoni komuni (fejn it-taraġ u l-kurituri jkunu mgħammra b'radjaturi);

(c) għall-iskop tat-tisħin ta' appartamenti."

6 L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2012/27, intitolat "Informazzjoni dwar il-kontijiet", jipprevedi:

"1. Meta l-klijenti aħħarin ma jkollhomx l-arloġġi intelliġenti kif imsemmi fid-[Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU 2009, L 211, p. 55), u fid-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94)], l-Istati Membri għandhom jiżguraw, sal-31 ta' Diċembru 2014, li l-informazzjoni dwar il-kontijiet ikunu preċiżi u bbażati fuq il-konsum reali, skont il-punt (1.1) tal-Anness VII, għas-setturi kollha koperti minn din id-Direttiva, inklużi d-distributuri tal-enerġija, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni u l-kumpaniji tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum, fejn dan ikun teknikament possibbli u ekonomikament iġġustifikat.

Dan l-obbligu jista' jiġi ssodisfat minn sistema ta' qari tal-konsum proprju mill-klijenti aħħarin li permezz tiegħu huma jikkomunikaw il-qari mill-arloġġ tagħhom lill-fornitur tal-enerġija. Biss meta l-klijent aħħari ma jkunx ipprovda qari mill-arloġġ għal perijodu partikolari ta' kontijiet, il-kontijiet għandhom ikunu bbażat fuq konsum stmat jew rata fissa.

2. L-arloġġi installati skont id-Direttivi [2009/72] u [2009/73] għandhom jippermettu informazzjoni preċiża dwar kontijiet ibbażata fuq il-konsum effettiv. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti aħħarin ikollhom il-possibbiltà ta' aċċess faċli għal informazzjoni komplementari dwar il-konsum storiku li jippermettu verifiki dettaljati minnhom stess.

L-informazzjoni komplementari dwar il-konsum storiku għandha tinkludi:

(a) data kumulattiva għal mill-anqas it-tliet snin preċedenti jew il-perijodu mill-bidu tal-kuntratt tal-provvista jekk dan ikun iqsar. Id-data għandha tikkorrispondi għall-perijodi li għalihom ġiet prodotta informazzjoni frekwenti dwar kontijiet; u

(b) data dettaljata skont il-ħin ta' użu għal kull jum, ġimgħa, xahar u sena. Din id-data għandha ssir disponibbli lill-klijent aħħari permezz tal-internet jew l-interfaċċja tal-arloġġ għall-perijodu ta' mill-anqas 24 xahar preċedenti jew il-perijodu mill-bidu tal-kuntratt ta' provvista jekk dan ikun inqas.

3. Indipendentement minn jekk l-arloġġi intelliġenti jkunux ġew installati jew le, l-Istati Membri:

(a) għandhom jirrikjedu li, safejn l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku tal-klijenti aħħarin tkun disponibbli, din issir disponibbli, fuq it-talba tal-klijent aħħari, għal fornitur ta' servizz ta' enerġija magħżul mill-klijent aħħari.

(b) għandhom jiżguraw li l-klijenti aħħarin ikunu offruti l-għażla ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u kontijiet elettroniċi u li jirċievu, fuq talba, spjegazzjoni ċara u li tiftiehem ta' kif il-kont tagħhom ġie dderivat, speċjalment fejn il-kontijiet ma jkunux ibbażati fuq il-konsum attwali;

(c) għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha xierqa tkun disponibbli mal-kont biex il-klijent aħħari ikun ipprovdut b'kont komprensiv tal-kosti kurrenti tal-enerġija, f'konformità mal-Anness VII;

(d) jistgħu jistipulaw li, fuq talba tal-klijent aħħari, l-informazzjoni li fihom dawn il-kontijiet ma jkollhiex titqies li tikkostitwixxi talba għall-ħlas. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-sorsi tal-enerġija joffru arranġamenti flessibbli għal ħlasijiet effettivi;

(e) għandhom jeħtieġu li l-informazzjoni u l-estimi għall-ispejjeż tal-enerġija jkunu pprovduti lill-konsumaturi fuq talba fil-ħin u f'format li jiftiehem faċilment li jippermetti lill-konsumaturi jqabblu ftehimiet b'mod identiku."

7 L-Anness VII tad-Direttiva 2012/27, intitolat "Rekwiżiti minimi għal kontijiet u informazzjoni fil-kontijiet ibbażata fuq il-konsum proprju", jipprovdi, fil-punt 1.1 tiegħu:

"Kontijiet ibbażati fuq il-konsum proprju

Biex il-klijenti aħħarin ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru fuq il-bażi tal-konsum proprju tal-inqas darba fis-sena, u l-informazzjoni fil-kontijiet għandha tkun disponibbli tal-inqas kull tliet xhur, fuq talba jew fejn il-konsumaturi jkunu għażlu li jirċievu kont elettroniku jew inkella darbtejn fis-sena. Il-gass li jintuża biss għal skopijiet ta' tisjir jista' jkun eżentat minn dan ir-rekwiżit."

8 Bis-saħħa tal-Artikolu 27 ta' din id-direttiva, intitolat "Emendi u Revoka" id-Direttiva 2006/32 tħassret b'effett mill-5 ta' Ġunju 2014, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet.

### *Id-dritt nazzjonali*

*Il-Liġi dwar l-Enerġija*

9 L-Artikolu 38b(1) taż-Zakon za energetikata (il-Liġi dwar l-Enerġija), tad-9 ta' Diċembru 2003 (DV Nru 107, tad-9 ta' Diċembru 2003), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-Enerġija"), jipprovdi:

"L-impriżi tal-enerġija li huma partijiet fil-kuntratti msemmija fl-Artikolu 38a(1) għandhom jikkomunikaw lill-konsumaturi tagħhom ta' servizzi ta' enerġija informazzjoni dwar:

1) [...] il-prezzijiet ta' servizzi ta' manutenzjoni u ta' prezzijiet oħra ta' servizzi marbuta mal-attività awtorizzata;

[...]

3) [...] il-kwantitajiet effettivament ikkonsmati u l-valur tas-servizzi pprovduti fil-frekwenza miftiehma għall-għadd, mingħajr obbligu ta' ħlas addizzjonali għal dan is-servizz;

[...]"

10 L-Artikolu 125(3) tal-Liġi dwar l-Enerġija jipprevedi:

"Il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet tekniċi relatati mal-provvista ta' sħana, mal-ġestjoni operattiva tas-sistema ta' provvista tas-sħana, mal-konnessjoni ta' produtturi u ta' klijenti man-network ta' trażmissjoni ta' sħana [iktar 'il quddiem in-'network ta' sħana'], mad-distribuzzjoni, mat-tneħħija tal-provvista ta' sħana u mas-sospensjoni tal-provvista ta' sħana huma stabbiliti permezz ta' digriet tal-Ministru għall-Enerġija.

[...]"

11 L-Artikolu 139(1) ta' din il-liġi huwa fformulat kif ġej:

"It-tqassim tal-konsum tal-enerġija termali f'kondominju għandu jsir skont sistema ta' tqassim tal-konsum.

[...]"

12 Skont l-Artikolu 140(1) tal-imsemmija liġi:

"It-tqassim tal-konsum tal-enerġija termali bejn il-konsumaturi f'kondominju għandu jsir permezz ta':

[...]

2) [...] tagħmir għat-tqassim tal-konsum tas-sħana, jiġifieri distributuri tal-ispejjeż tat-tisħin individwali li jissodisfaw l-istandards fis-seħħ fil-pajjiż jew meters termali individwali;

3) […] apparat għat-tqassim tal-konsum ta' ilma sħun għall-użu domestiku, jiġifieri meter tal-ilma komuni għall-provvista ta' ilma sħun għall-użu domestiku u meters individwali ta' ilma sħun imqassam fid-devjazzjonijiet kollha tal-installazzjoni tal-bini għall-provvista ta' ilma sħun lejn il-proprjetajiet immobbli tal-konsumaturi.

[…]"

13 L-Artikolu 140a tal-istess liġi jipprovdi:

"Il-kwantità totali ta' enerġija termali kkonsmata f'kondominju konness ma' substazzjon ta' abbonat jew ma' fergħa awtonoma tiegħu għandha titqassam bejn l-ilma sħun u t-tisħin."

14 L-Artikolu 141 tal-Liġi dwar l-Enerġija jipprevedi:

"(1) L-enerġija termali għall-ilma sħun f'kondominju hija ddeterminata minn:

1) il-kwantità ta' ilma kkonsmat fil-bini għall-misħun domestiku, irrilevat mill-meter komuni;

2) l-ispejjeż tal-enerġija termali sabiex jissaħħan metru kubu ta' ilma tal-kwantità msemmija fil-punt 1, iddeterminati skont il-kundizzjonijiet u skont il-modalitajiet previsti mid-digriet imsemmi fl-Artikolu 125(3).

(2) L-enerġija termika msemmija fil-paragrafu 1 għandha titqassam bejn il-klijenti taħt il-kundizzjonijiet u skont il-modalitajiet tad-digriet imsemmi fl-Artikolu 125(3)."

15 Skont l-Artikolu 142 ta' din il-liġi:

"(1) L-enerġija termali intiża għat-tisħin ta' kondominju hija d-differenza bejn il-kwantità totali ta' enerġija termali intiża għad-distribuzzjoni f'kondominju u l-kwantità ta' enerġija termali għall-ilma sħun, stabbilita konformement mal-Artikolu 141(1).

(2) L-enerġija termali intiża għat-tisħin ta' kondominju tinqasam fi sħana emessa mill-installazzjoni tal-binja, f'enerġija termali intiża għat-tisħin tal-partjiet komuni u f'enerġija termali intiża għat-tisħin tal-proprjetajiet individwali.

[…]"

*Id-Digriet dwar it-Tisħin Distrettwali*

16 L-Artikolu 38 tan-Naredba za toplosnabdyavaneto Nru 16-334 (id-Digriet Nru 16-334 dwar it-Tisħin Distrettwali), tas-6 ta' April 2007, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem id-"Digriet dwar it-Tisħin Distrettwali"), jipprevedi:

"Il-produttur, l-impriża ta' trażmissjoni tas-sħana jew il-fornitur għandhom jipprovdu enerġija termali lill-klijenti filwaqt li josservaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. l-unitajiet tal-proprjetarji jew tad-detenturi tad-drittijiet reali tal-użu għandhom ikunu konnessi man-network ta' distribuzzjoni tal-enerġija termali;

2. kuntratt ta’ bejgħ ta’ enerġija termali għandu jiġi konkluż bejn l-impriża tat-trażmissjoni tal-enerġija termali u l-klijenti konformement ma’ kundizzjonijiet ġenerali;

3. il-konsumaturi tal-enerġija termali għandhom iħallsu l-pagamenti ta’ kull xahar dovuti għall-enerġija termali qabel l-iskadenza tat-terminu ta’ ħlas.”

17 L-Artikolu 52(1) u (2) tal-imsemmi Digriet dwar it-Tisħin Distrettwali jipprovdi:

“(1) It-tqassim tal-konsum tal-enerġija termali bejn il-konsumaturi f’kondominju għandu jsir permezz ta’ [meters termali], kif ġej:

1) distributuri individwali tal-enerġija termali, installati fuq it-trażmettituri tas-sħana kollha u/jew fuq il-meters termali individwali relatati mal-proprjetajiet immobbli, li jikkorrispondu għar-regoli u għall-atti normattivi fis-seħħ fit-territorju nazzjonali;

2) meter komuni tal-ilma kiesaħ imqiegħed qabel ma l-ilma jidħol fil-bojler għall-provvista ta’ ilma sħun u meters individwali ta’ ilma sħun imqassma fid-devjazzjonijiet kollha tal-installazzjoni tal-binja għall-provvista ta’ ilma sħun lejn il-proprjetajiet immobbli tal-konsumaturi.

(2) L-apparati msemmija fil-paragrafu 1 jikkontribwixxi sabiex tiġi ddeterminata l-parti tal-enerġija termali kkonsmata mid-diversi konsumaturi tal-kondominju, hekk kif tkun inqrat mill-[meter termali].

[...]”

18 L-Artikolu 57 ta’ dan id-digriet jipprevedi:

“(1) Meta l-kwantità ta’ enerġija termali titkejjel permezz ta’ [meters termali] installati barra mil-limiti tal-proprjetà, il-kwantitajiet irrilevati għandhom jiġu kkorreġuti permezz tal-ispejjeż teknoloġiċi tal-enerġija termali relatati mas-settur bejn il-[meters termali] u l-limitu tal-proprjetà.

(2) L-ispejjeż teknoloġiċi tal-enerġija termali tal-infrastruttura għandhom jiġu ddeterminati konformement mat-Taqsima IV.

(3) Id-dispożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tikkonċerna wkoll substazzjonijiet ta’ abbonati f’kondominju u individwali.

[...]”

19 Id-dispożizzjonijiet addizzjonali tal-imsemmi digriet jinkludu, fil-paragrafu 1 tagħhom, id-definizzjonijiet li ġejjin:

“1. L-‘algoritmu’ huwa sistema ta’ regoli (formuli) li jiddeterminaw l-ordni tal-operazzjonijiet ta’ kalkolu, li l-applikazzjoni tagħhom twassal għas-soluzzjoni ta’ problema speċifika.

[...]

2a. Il-‘kapaċità realment installata tal-installazzjoni tat-tisħin’ hija s-somma tal-kapaċità installata tat-trażmettituri tas-sħana fil-proprjetajiet immobbli kollha tal-kondominju.

3. L-'Installazzjoni fil-bini' jew 'installazzjoni interna' tfisser is-sett ta' pajpijiet ta' distribuzzjoni ewlenin vertikali u orizzontali sal-emittenti tas-sħana, kif ukoll it-tagħmir għad-distribuzzjoni u l-provvista tal-enerġija termali mis-substazzjon tal-abbonat sal-proprjetà immobbli tal-klijenti. Meta iktar minn binja waħda titqabbad ma' substazzjon ta' abbonat, kull wieħed mill-pajpijiet tas-sħana ta' konnessjoni għandu jkun parti mill-installazzjoni korrispondenti tal-binja.

[…]

8. Il-'kost speċifiku massimu tal-binja' huwa l-kwantità massima ta' enerġija termali emessa minn kapaċità installata ta' kilowatt ta' emittent tas-sħana fil-binja taħt is-sistema korrispondenti għat-tħaddim tal-installazzjoni tal-binja.

[…]

13a. Il-'kapaċità kkonċepita tal-installazzjoni ta' tisħin' hija l-kapaċità tal-installazzjoni ta' tisħin fuq ġewwa, iddeterminata permezz tal-proġett ta' investiment tal-proprjetà immobbli.

[…]"

20 Id-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali tal-istess digriet jinkludu l-paragrafu 2, ifformulat kif ġej:

"(1) Il-proprjetarji u/jew id-detenturi ta' dritt *in rem* għall-użu ta' proprjetà immobbli f'kondominju għandhom:

1) jinstallaw, fuq it-trażmettituri tas-sħana ssiġillati li jinsabu fil-proprjetà immobbli tagħhom, apparati għad-distribuzzjoni tal-konsum;

2) jinstallaw meters tal-ilma sħun fuq id-devjazzjonijiet kollha li jgħaqqdu l-proprjetà immobbli tagħhom mal-installazzjoni tal-binja għall-provvista tal-ilma sħun għall-użu domestiku.

[…]"

21 Id-Digriet dwar it-Tisħin Distrettwali jinkludi anness intitolat "Metodoloġija ta' tqassim tal-konsum tal-enerġija termali f'kondominji" (iktar 'il quddiem il- "metodoloġija"), li l-punt 1 tiegħu jipprevedi:

"Il-konsum tal-enerġija termali li għandha titqassam huwa l-kwantità ta' enerġija termali mkejla permezz tal-meter tas-sħana fis-substazzjon ta' abbonat, ikkorreġuta skont l-ispejjeż teknoloġiċi skont il-limitu tal-proprjetà kif ukoll skont il-kwantità ta' enerġija termali kkonsmata sabiex jiġi kkompletat il-mili tal-installazzjoni tal-binja, meta jintuża vettur termiku li joriġina min-network ta' sħana."

22 Skont il-punt 2 tal-metodoloġija:

"L-enerġija termali mkejla permezz ta' meter tas-sħana f'substazzjon ta' abbonat ta' kondominju matul perijodu ta' kejl partikolari hija s-somma tal-enerġija kkonsmata għat-tisħin, tal-enerġija kkonsmata għall-provvista ta' ilma sħun għal użu domestiku u tal-ispejjeż teknoloġiċi tal-enerġija termali fis-substazzjon tal-abbonat."

23 Il-punt 6 tal-metodoloġija jippreċiża li l-kwantità ta' enerġija termali kkonsmata għat-tisħin hija d-differenza bejn l-enerġija kif iddefinita fil-punt 1 tagħha u l-kwantità ta' enerġija termali għall-provvista ta' ilma sħun għal użu domestiku.

24 L-Artikolu 6.1 tal-metodoloġija jipprevedi:

"Il-kwantità ta' enerġija termali kkonsmata għat-tisħin tinkludi l-kwantitajiet ta' enerġija termali emessa mill-installazzjoni tal-binja, mit-trażmettituri tas-sħana li jkunu jinsabu fil-partijiet komuni u mit-trażmettaturi tas-sħana li jkunu jinsabu fil-proprjetajiet immobbli individwali."

25 Bis-saħħa tal-punt 6.1.1 tal-metodoloġija, il-kwantità ta' enerġija termali emessa mill-installazzjoni tal-binja tiddependi mit-tip u mill-karatteristiċi termali u fiżiċi tal-binja kif ukoll mill-installazzjoni tat-tisħin. Din għandha tiġi ddeterminata mill-fornitur tal-enerġija li jwettaq it-tqassim tal-konsum konformement mal-formula matematika li tinsab f'dan il-punt.

26 Il-punt 6.1.3 tal-metodoloġija huwa fformulat kif ġej:

"Il-kwantità ta' enerġija termali [...], espressa f'kWh, emessa mill-installazzjoni tal-binja għandha titqassam proporzjonalment mal-volum imsaħħan tal-proprjetajiet immobbli skont il-pjan ta' kostruzzjoni.""

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

27 EVN, impriża tal-enerġija, fis-sens tal-Liġi dwar l-Enerġija, għandha liċenzja għall-produzzjoni u għat-trasport ta' enerġija termali li fuq il-bażi tagħha hija twettaq provvista ta' tisħin u ta' ilma sħun b'mod partikolari lil kondominju.

28 OZ huwa sid ta' proprjetà f'kondominju konness mat-tisħin distrettwali li għalih EVN tipprovdi l-enerġija termali neċessarja għall-funzjonament tagħha.

29 F'dan il-kuntest, EVN talbet mingħand OZ somma ta' 519 lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 265), għall-konsum tal-enerġija termali tagħha matul il-perijodu mill-1 ta' Mejju 2018 sal-31 ta' Ottubru 2020, somma li ma tħallsitx. Minħabba f'hekk, EVN talbitu wkoll interessi moratorji li jammontaw għal BGN 78.20 (madwar EUR 40), għall-perijodu mit-3 ta' Lulju 2018 sal-5 ta' April 2021.

30 Peress li OZ ma ħallasx dawn l-ammonti, EVN adixxiet lir-Rayonen sad Plovdiv (il-Qorti Distrettwali ta' Plovdiv, il-Bulgarija), il-qorti tar-rinviju, b'rikors intiż għall-kundanna ta' OZ għall-ħlas tagħhom.

31 OZ tikkontesta l-argument li hija responsabbli għall-ħlas tal-ammonti mitluba minn EVN, għar-raġuni, b'mod partikolari, li l-formula matematika msemmija fil-punt 6.1.1 tal-metodoloġija li fuq il-bażi tagħha huwa kkalkolat it-tqassim tal-konsum ta' enerġija termali bejn id-diversi koproprjetarji tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, OZ tallega li ma jeżistix kuntratt bil-miktub għall-provvista tal-enerġija, li l-ammont mitlub minn EVN ma jikkorrispondix għall-konsum reali, li l-meters huma difettużi, li s-substazzjon tal-abbonat, jiġifieri l-post tekniku tal-bini li minnu hija żgurata d-distribuzzjoni tat-tisħin u tal-ilma sħun fid-diversi partijiet tiegħu, ma huwiex fi stat tajjeb u li ma hemmx kalkolu regolari tal-konsum ta' enerġija.

32 Fi tmiem il-perizja mwettqa fil-kuntest tal-kawża prinċipali, li ma hijiex ikkontestata mill-partijiet, ġie kkonstatat li l-meters termali użati kienu jikkorrispondu għar-rekwiżiti tad-Digriet dwar it-Tisħin Distrettwali, kif ukoll li l-installazzjoni tat-tisħin ikkonċernata kellha ċerti irregolaritajiet, bil-konsegwenza li l-figuri meħuda inkunsiderazzjoni mill-fornitur ma kinux korretti.

33 B'mod partikolari, l-espert qiegħed inkwistjoni l-kalkoli ta' tqassim tal-konsum ta' enerġija termali mwettqa fuq il-bażi tal-formula matematika li tinsab fil-punt 6.1.1 tal-metodoloġija, sa fejn dawn il-kalkoli kellhom l-effett li l-utenti li ma jikkunsmawx enerġija termali kienu responsabbli għall-ħlas ta' parti mill-ammonti dovuti mill-utenti li kienu jikkonsmaw tali enerġija iżda li ma kinux iħallsu l-kontijiet tagħhom.

34 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar il-kompatibbiltà tal-metodoloġija mal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27. F'dan il-kuntest, hija tirrileva li l-elementi tal-formula matematika li tinsab fil-punt 6.1.1 tal-metodoloġija ma humiex ċari u li, fid-dawl tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni f'din il-formula, huwa probabbli ħafna li l-ammonti mitluba mill-konsumaturi li ma jikkonsmawx enerġija termali fl-akkomodazzjonijiet tagħhom ikunu għoljin wisq. Fil-fatt, l-imsemmija formula hija bbażata fuq data teoretika li tinsab fil-proġetti ta' kostruzzjoni ta' installazzjonijiet ta' tisħin, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet reali li fihom dawn l-installazzjonijiet jiffunzjonaw fil-prattika u mingħajr ma wieħed ikun jaf jekk dawn il-kundizzjonijiet reali humiex l-istess bħal dawk li kienu teoretikament previsti.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rayonen sad Plovdiv (il-Qorti Distrettwali ta' Plovdiv) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva [2012/27] u l-Artikolu 169 TFUE jippermettu l-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-enerġija għas-sħana, mormija mill-installazzjoni tal-bini, f'sitwazzjoni fejn it-taraġ u l-kurituri tal-bini ma jkunux mgħammra b'radjaturi?

2) L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27 u l-Artikolu 169 TFUE jippermettu l-possibbiltà għall-kumpannija li tipprovdi t-tisħin li, abbażi ta' dispożizzjoni legali nazzjonali, titlob il-ħlas għall-kwantità ta' enerġija għas-sħana użata minn installazzjoni ta' bini fejn il-kwantità ta' enerġija għas-sħana tiġi ddeterminata abbażi ta' formula mħejjija mill-amministrazzjoni f'sitwazzjoni fejn din il-formula:

– tintroduċi koeffiċjent li jieħu inkunsiderazzjoni l-proporzjon tal-kapaċità installata tal-installazzjoni tal-bini meta mqabbla mal-kapaċità totali tal-installazzjoni tat-tisħin, mingħajr ma huwa indikat b'mod ċar kif ġie kkalkolat dan il-koeffiċjent;

– tuża l-kapaċità installata tal-installazzjoni tal-bini, li ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet installati reali;

– ma tiħux inkunsiderazzjoni t-temperatura tat-tagħmir li jiċċirkola s-sħana fl-installazzjoni tal-bini;

– tassumi li l-installazzjoni topera bil-kapaċità massima tagħha l-ħin kollu;

– ma tiħux inkunsiderazzjoni l-operat speċifiku ta' tipi differenti ta' sistemi ta' tisħin (f'dan il-każ 'Tichelmann') u tikkunsidrahom kollha ugwali f'termini ta' operat;

– tikkunsidra awtomatikament li t-temperatura medja ta' bini b'diversi appartamenti hija ta' 19 °C [?]

3) L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27 u l-Artikolu 169 TFUE jippermettu l-possibbiltà għall-kumpannija li tipprovdi t-tisħin li, abbażi ta' dispożizzjoni legali nazzjonali, titlob il-ħlas għall-kwantità ta' enerġija għas-sħana użata għall-ilma sħun għal użu domestiku fejn il-kwantità ta' enerġija għas-sħana tiġi ddeterminata abbażi ta' formula mħejjija mill-amministrazzjoni f'sitwazzjoni fejn din il-formula, f'din l-enerġija għas-sħana meħtieġa għal dan it-tisħin, ma tiħux inkunsiderazzjoni t-temperatura li għandha tintlaħaq mill-ilma sħun għal użu domestiku msaħħan u kkunsinnat lill-abbonati, jew, rispettivament, il-volum f'metri kubiki ta' ilma sħun għal użu domestiku użat mill-abbonati, u f'sitwazzjoni fejn fl-applikazzjoni [tagħha] dejjem jiġi ggarantit volum doppju ta' ilma sħun għal użu domestiku fl-istaġun ta' tisħin tax-xitwa meta mqabbel mal-volum ikkalkolat għall-istaġun tas-sajf?

4) L-Artikolu 13 tad-Direttiva [2006/32], ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27 u mal-Artikolu 169 TFUE, jippermetti l-possibbiltà għall-kumpannija li tipprovdi t-tisħin li, abbażi ta' dispożizzjoni legali nazzjonali, titlob il-ħlas għall-kwantità ta' enerġija għas-sħana użata mill-installazzjoni tal-bini f'bini b'diversi appartamenti diviża proporzjonalment abbażi tal-volum imsaħħan skont il-pjanta, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-kwantità reali ta' enerġija għas-sħana pprovduta lil kull appartament skont il-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-installazzjonijiet tat-tisħin?

Għall-finijiet tar-risposta għal din id-domanda, huwa rilevanti l-fatt li d-dispożizzjoni legali nazzjonali tipprevedi li l-enerġija għas-sħana intiża għall-installazzjoni ta' bini hija wieħed mill-komponenti, li tagħmel parti mill-algoritmu għall-kalkolu tal-ammont finali li l-konsumatur għandu jħallas għall-enerġija għas-sħana totali (jiġifieri t-total tal-kwantità ta' enerġija għas-sħana, użata mill-installazzjoni tal-bini, it-tisħin u l-ilma sħun għal użu domestiku), fejn l-ammont li għandu jitħallas mill-konsumatur għat-tisħin tal-appartament tiegħu huwa ugwali għad-differenza bejn l-enerġija totali għat-tisħin (bħala l-ammont li minnu għandu jsir tnaqqis) u ammont ugwali għat-total tal-enerġija għas-sħana użata mill-installazzjoni tal-bini, tal-enerġija għas-sħana użata mir-radjaturi tat-tisħin fil-partijiet komuni tal-bini u tal-enerġija għas-sħana użata għall-ilma sħun għall użu domestiku (bħala l-ammont li bih għandu jsir it-tnaqqis)?

5) Dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu li l-konsumaturi għandhom iħallsu għall-kunsinna ta' enerġija għas-sħana, ipprovduta mill-installazzjoni tal-bini, b'mod proporzjonali mal-volum tal-appartamenti tagħhom skont il-pjanta, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni l-kwantità reali ta' enerġija għas-sħana pprovduta fir-rigward ta' kull appartament, imorru kontra r-rekwiżiti tal-projbizzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-projbizzjoni ta' għoti ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

36 Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari sa fejn dawn jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 101, 107 u 169 TFUE.

37 Hija tenfasizza li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi ebda element li jippermetti li tiġi stabbilita rabta bejn is-suġġett tal-kawża prinċipali u l-Artikoli 101, 107 u 169 TFUE, u lanqas il-punti ta' fatt u ta' liġi li jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju għas-soluzzjoni tat-tilwima li għandha quddiemha.

38 Barra minn hekk, fir-rigward tal-interpretazzjoni mitluba tal-Artikolu 169 TFUE, il-Kummissjoni ssostni li, peress li din id-dispożizzjoni tikkonċerna kompetenza tal-Unjoni, l-interpretazzjoni tagħha ma għandhiex tkun rilevanti għall-evalwazzjoni ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2012/27 tipprevedi armonizzazzjoni minima u għalhekk ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jadottaw miżuri iktar stretti sabiex jiżguraw protezzjoni ikbar tal-konsumaturi.

39 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha l-ewwel waħda tagħti lit-tieni l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima li biha jkunu ġew aditi. Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, hija l-qorti nazzjonali li quddiemha tkun tressqet il-kawża, li hija l-unika li għandha għarfien dirett tal-fatti li wasslu għall-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li trid tittieħed, li għandha tevalwa kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, hija marbuta tiddeċiedi (sentenzi tad-29 ta' Novembru 1978, Redmond, 83/78, EU:C:1978:214, punt 25, u tal-4 ta' Ottubru 2024, Biohemp Concept, C-793/22, EU:C:2024:837, punt 26 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tirrifjuta li tiddeċiedi talba għal deċiżjoni preliminari meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, mitluba minn qorti nazzjonali, ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima li tkun ġiet adita, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jsirulha (sentenzi tat-13 ta' Lulju 2000, Idéal tourisme, C-36/99, EU:C:2000:405, punt 20, u tal-4 ta' Ottubru 2024, Biohemp Concept, C-793/22, EU:C:2024:837, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jeżiġi li kull talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi "espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tal-kawża kif ukoll tal-fatti rilevanti, kif ġew ikkonstatati mill-qorti tar-rinviju jew, minn tal-inqas, espożizzjoni tal-informazzjoni fattwali li fuqha jkunu bbażati d-domandi", "il-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu japplikaw għall-kawża ineżami u, jekk ikun il-każ, il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti", kif ukoll "espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji

dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali".

42 Issa, f'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi ebda element ta' natura li jistabbilixxi r-rabta bejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba.

43 Għalhekk, din it-talba ma tesponix l-informazzjoni fattwali li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tifhem kif is-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali teħtieġ interpretazzjoni tal-Artikoli 101, 107 u 169 TFUE u lanqas ir-raġunijiet għalfejn il-qorti tar-rinviju tqis li hija teħtieġ tali interpretazzjoni għal dan l-għan.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-ħames domanda, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 101 u 107 TFUE, hija inammissibbli, l-istess bħall-ewwel sar-raba' domanda, sa fejn dawn jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 169 TFUE.

## *Fuq il-mertu*

45 Permezz tal-ewwel sar-raba' domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-proprjetarju ta' appartament f'kondominju huwa obbligat iħallas, minn naħa, l-ispejjeż iffatturati lilu bħala enerġija termali emessa mill-kanali u mill-installazzjonijiet kollha ta' distribuzzjoni u ta' provvista ta' enerġija termali ġewwa l-binja, inkluż meta l-partijiet komuni ta' din il-binja ma jkunux mgħammra b'radjaturi, filwaqt li dawn l-ispejjeż ma humiex iddeterminati fuq il-bażi ta' konsum reali u individwalizzat, iżda huma suġġetti għal aggregazzjoni u sussegwentement għal tqassim bejn il-koproprjetarji proporzjonalment għall-volum imsaħħan tal-appartament tagħhom, u, min-naħa l-oħra, l-ispejjeż li huma ffatturati lil dan il-proprjetarju għall-konsum individwali tiegħu ta' enerġija termali għat-tisħin tal-appartament tiegħu u tal-ilma sħun għal użu domestiku, filwaqt li dawn l-ispejjeż ma humiex iddeterminati fuq il-bażi ta' konsum reali u individwalizzat, iżda ta' formula matematika li tistrieħ fuq parametri mhux ċari jew mhux issostanzjati.

46 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/32, b'mod iktar partikolari tal-Artikolu 13 tagħha, li jipprevedi, b'mod partikolari, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontijiet indirizzati lill-klijenti finali jkunu bbażati fuq il-konsum reali tal-enerġija u ppreżentati b'mod ċar u li jinftiehem.

47 Konformement mal-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2012/27, li ssostitwixxiet id-Direttiva 2006/32, din tal-aħħar tħassret b'effett mill-5 ta' Ġunju 2014. Bl-istess mod, bis-saħħa tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 2012/27, l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom ma' din id-direttiva sa mhux iktar tard mill-5 ta' Ġunju 2014. Barra minn hekk, din id-direttiva ma tinkludi ebda dispożizzjoni speċifika fir-rigward tal-applikazzjoni *ratione temporis* tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/32 li hija ssostitwixxiet.

48 Għaldaqstant, peress li l-fatti tal-kawża prinċipali huma marbuta mal-perijodu mill-1 ta' Mejju 2018 sal-31 ta' Ottubru 2020, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, id-domandi preliminari għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/27.

49 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2012/27 għandha l-għan, konformement mal-Artikolu 1 tagħha, li tippromwovi effikaċja enerġetika aqwa. F'dan il-kuntest u kif jirriżulta mill-premessa 8 ta' din id-direttiva, il-katina enerġetika kollha, mill-produttur tal-enerġija sal-klijent finali li jikkonsmaha, hija mitluba tilħaq dan l-għan.

50 F'dan ir-rigward, bis-saħħa tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2012/27, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn ikun teknikament possibbli, finanzjarjament raġonevoli u proporzjonat, il-klijenti finali għandhom jirċievu meters individwali li jindikaw bi preċiżjoni l-konsum reali ta' enerġija u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali meta ntużat l-enerġija.

51 B'mod iktar partikolari, f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda bini li jinkludu diversi appartamenti konnessi ma' network ta' sħana, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva jipprevedi li kellhom jiġu installati meters individwali tal-konsum sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016, sabiex ikun jista' jitkejjel il-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-ilma sħun ta' kull unità, meta dan ikun teknikament possibbli u profittabbli. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tippreċiża li, meta l-użu ta' tali meters ma jkunx profittabbli jew teknikament possibbli, għandhom jintużaw distributuri individwali tal-ispejjeż tat-tisħin sabiex jitkejjel il-konsum ta' sħana għal kull radjatur, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu madankollu jipprevedu metodi profittabbli oħra li jippermettu li jitkejjel il-konsum ta' sħana.

52 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 2012/27, moqri fid-dawl tal-premessa 20 tagħha, l-Istati Membri għandhom marġni ta' manuvra wiesa' fir-rigward tal-għażla tal-miżuri adattati biex jitnaqqas il-konsum ta' enerġija kif ukoll tal-modalitajiet ta' implimentazzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, huma jistgħu jipprevedu, b'mod partikolari, regoli trasparenti dwar it-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum ta' enerġija termali jew ta' ilma sħun fil-binjiet bl-appartamenti. Minflok ma jagħżlu regolamentazzjoni preċiża u eżawrjenti, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll qafas ġenerali li jħalli marġni ta' manuvra lill-koproprjetajiet.

53 F'dan ir-rigward, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva jispjega li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn binjiet b'iktar minn appartament wieħed jirċievu provvista permezz ta' network ta' sħana jew ta' kesħa jew fejn tali binjiet jirċievu provvista prinċipalment minn sistemi komuni ta' sħana jew ta' kesħa, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu regoli trasparenti dwar it-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum termali jew ta' ilma sħun f'dawn il-binjiet, sabiex tiġi żgurata t-trasparenza u l-preċiżjoni tal-kontijiet tal-konsum individwali. Jekk ikun meħtieġ, dawn ir-regoli jistgħu jinkludu linji gwida dwar it-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum, l-ewwel nett, ta' ilma sħun għal użu domestiku, it-tieni nett, tas-sħana emessa mill-installazzjoni tal-binja u għall-finijiet tat-tisħin taż-żoni komuni, kif ukoll, it-tielet nett, tat-tisħin tal-proprjetajiet individwali.

54 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li f'ċerti kondominji konnessi ma' network ta' sħana, bħall-binja inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jidher li huwa diffiċli li wieħed ikun jista' jindividwalizza għalkollox il-kontijiet relatati mat-tisħin, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-installazzjoni interna, jiġifieri l-kanali u l-installazzjonijiet ta' distribuzzjoni kollha kif ukoll il-provvista ta' enerġija termali ġewwa l-binja kkonċernata, u l-partijiet komuni. B'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-installazzjoni interna, jista' jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, li tiġi ddeterminata bi preċiżjoni l-kwantità ta' sħana emessa minn din l-installazzjoni f'kull appartament. Fil-fatt, din il-kwantità ma tinkludix biss is-sħana emessa fl-appartament ikkonċernat mill-elementi materjali tal-installazzjoni interna, iżda wkoll l-iskambji termali bejn il-partijiet imsaħħna u l-partijiet li ma humiex imsaħħna. Fil-fatt, l-appartamenti ta' kondominju

ma humiex indipendenti minn xulxin minn perspettiva termali, peress li s-sħana tiċċirkola bejn l-unitajiet imsaħħna u dawk li huma inqas imsaħħna jew li ma humiex (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, EVN Bulgaria Toplofikatsia u Toplofikatsia Sofia, C-708/17 u C-725/17, EU:C:2019:1049, punti 85 u 86).

55 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jistgħux jipprevedu li l-proprjetarju ta' appartament f'kondominju huwa obbligat iħallas spejjeż għall-enerġija termali emessa mill-installazzjoni interna, inkluż meta l-partijiet komuni tagħha ma jkunux mgħammra b'radjaturi, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2012/27 ma timponix fuq l-Istati Membri, meta jipprevedu regoli trasparenti dwar it-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum tal-enerġija termali, kundizzjoni li l-partijiet komuni ta' kondominju għandhom ikunu mgħammra b'radjaturi.

56 Barra minn hekk, kif jirriżulta mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27 u mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 54 ta' din is-sentenza, fil-binjiet konnessi ma' network ta' sħana, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, is-sħana emessa mill-installazzjoni interna, b'mod partikolari minħabba li pajpijiet tat-tisħin jgħaddu minn ċerti appartamenti u jsiru skambji termali bejn il-postijiet imsaħħna u dawk li ma humiex, għandha tiġi distinta mis-sħana emessa fil-partijiet komuni prodotta minn emittenti possibbli ta' sħana, bħar-radjaturi li jinsabu fiż-żoni tat-taraġ u fil-kurituri. Minn dan isegwi li l-proprjetarji tal-appartamenti ma jistgħux jiġu eżentati mill-ispejjeż marbuta mal-konsum tal-enerġija termali emessa mill-installazzjoni interna għas-sempliċi raġuni li l-partijiet komuni tal-binja ma għandhomx tali emettituri tas-sħana.

57 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27 jipprekludix leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li kull proprjetarju ta' appartament għandu jħallas spejjeż għall-enerġija termali emessa mill-installazzjoni interna ta' tisħin proporzjonalment għall-volum imsaħħan tal-appartamenti skont il-pjan ta' kostruzzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, essenzjalment, li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher li tikkorrispondi għall-kunċett ta' "linji gwida", imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva, peress li din il-leġiżlazzjoni tipprevedi li l-ispejjeż marbuta mal-konsum termali għandhom jitqassmu bejn dawk li jikkorrispondu għas-sħana emessa mill-installazzjoni interna, dawk relatati mal-enerġija termali intiża għat-tisħin tal-partijiet komuni u dawk li jikkonċernaw l-enerġija termali intiża għat-tisħin tal-proprjetajiet individwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li fid-dawl tal-marġni ta' manuvra rrikonoxxut lill-Istati Membri, id-Direttiva 2012/27 ma tipprekludix li l-kontijiet relatati mal-konsum tal-enerġija termali tal-installazzjoni interna jiġu stabbiliti, għal kull proprjetarju ta' appartament tal-binja kkonċernata, proporzjonalment għall-volum imsaħħan tal-appartament tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, EVN Bulgaria Toplofikatsia u Toplofikatsia Sofia, C-708/17 u C-725/17, EU:C:2019:1049, punti 90 sa 92).

58 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-formula matematika li fuq il-bażi tagħha jiġu kkalkolati l-ispejjeż marbuta mal-konsum tal-enerġija termali fil-kondominji, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2012/27 ma jipprevedix ir-rekwiżiti li tali formula għandha tissodisfa.

59 Madankollu, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(3)
tad-Direttiva 2012/27 l-Istati Membri jistgħu jintroduċu regoli dwar it-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum termali jew tal-ilma sħun fil-binjiet sabiex tiġi żgurata kontabbiltà trasparenti u preċiża tal-konsum individwali.

60 Issa, sabiex tali kontabbiltà ta' dawn l-ispejjeż tkun tista' titqies li hija trasparenti u eżatta, din għandha ssir fuq bażi daqstant ieħor trasparenti u eżatta, b'mod li l-klijent finali jkun jista', minn naħa, ikun jaf bi preċiżjoni l-ispejjeż imposti fuqu u, min-naħa l-oħra, jieħu, jekk ikun il-każ, miżuri sabiex jadatta l-konsum personali tiegħu, u, għaldaqstant, jikkonforma ruħu mal-għan tad-Direttiva 2012/27, jiġifieri l-promozzjoni ta' effiċjenza enerġetika aħjar.

61 Minn dan isegwi li r-rekwiżit ta' trasparenza u ta' eżattezza japplika wkoll għall-formula matematika, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fuq il-bażi tagħha jiġu kkalkolati l-imsemmija spejjeż.

62 F'dan il-każ, minkejja li l-formula matematika msemmija fil-punt 6.1.1 tal-metodoloġija hija bbażata fuq ċerta data oġġettiva, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, li hija ma tiħux inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' parametri marbuta mal-funzjonament reali tal-installazzjoni ta' tisħin inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, jeħtieġ b'mod partikolari li tali formula tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tal-binja, bħall-insulazzjoni tiegħu u dik tas-sistema ta' tisħin, il-materjali użati għal din is-sistema kif ukoll il-possibbiltà ta' telf ta' sħana.

63 Barra minn hekk, skont il-perizja stabbilita fil-kuntest tal-kawża prinċipali, din il-formula ma hijiex ċara inkwantu fiha numru ta' ambigwitajiet, b'tali mod li tista' titqiegħed inkwistjoni n-natura trasparenti tat-tqassim tal-ispejjeż marbuta mal-konsum ta' enerġija termali jew ta' ilma sħun fi ħdan il-binja kkonċernata.

64 Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2012/27, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kontijiet tkun preċiża u bbażata fuq il-konsum reali, meta dan ikun teknikament possibbli u ekonomikament iġġustifikat. Din id-dispożizzjoni tirreferi għall-punt 1.1 tal-Anness VII ta' din id-direttiva, li jipprevedi, b'mod partikolari, taħt it-titolu "Kontijiet ibbażati fuq il-konsum proprju", li, sabiex il-klijenti aħħarin ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru fuq il-bażi tal-konsum proprju tal-inqas darba fis-sena, u l-informazzjoni dwar il-kontijiet għandha tiġi kkomunikata lilhom tal-inqas kull tliet xhur, fuq talba tagħhom jew permezz ta' kont elettroniku jekk ikunu għażlu komunikazzjoni b'dan il-mod, jew darbtejn fis-sena fil-każijiet l-oħra. Minn dan jirriżulta li l-formula għall-kalkolu tal-ispejjeż għandha tkun ibbażata fuq parametri ċari u ssostanzjati sabiex il-kontijiet jiġu stabbiliti fuq l-informazzjoni preċiża u bbażata fuq il-konsum reali.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi u bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, jidher li l-formula matematika msemmija fil-punt 6.1.1 tal-metodoloġija, li fuq il-bażi tagħha jiġu kkalkolati l-ispejjeż marbuta mal-konsum ta' enerġija termali fil-kondominji, ma tippermettix kontabbiltà trasparenti u eżatta tal-konsum individwali, fis-sens tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27.

66 Fid-dawl tal-motivi kollha preċedenti, ir-risposta għall-ewwel sar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-proprjetarju ta' appartament fi ħdan kondominju huwa obbligat iħallas spejjeż li huma ffatturati lilu għall-enerġija termali emessa mill-kanali u mill-installazzjonijiet kollha ta' distribuzzjoni u ta' provvista ta' enerġija termali ġewwa l-binja, inkluż meta ż-żoni tat-taraġ u l-kurituri tal-bini ma jkunux mgħammra b'radjaturi, sa parti proporzjonali għall-volum imsaħħan tal-appartament tiegħu, sa fejn ir-regoli u l-parametri li fuq

il-bażi tagħhom huma kkalkolati l-ispejjeż iffatturati lilu għall-konsum individwali tiegħu ta' enerġija termali għat-tisħin tal-appartament tiegħu u tal-ilma sħun għal użu domestiku jiggarantixxu t-trasparenza u l-eżattezza tal-kontabbiltà tal-konsum individwali.

**Fuq l-ispejjeż**

67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-proprjetarju ta' appartament fi ħdan kondominju huwa obbligat iħallas spejjeż li huma ffatturati lilu għall-enerġija termali emessa mill-kanali u mill-installazzjonijiet kollha ta' distribuzzjoni u ta' provvista ta' enerġija termali ġewwa l-binja, inkluż meta ż-żoni tat-taraġ u l-kurituri tal-bini ma jkunux mgħammra b'radjaturi, sa parti proporzjonali għall-volum imsaħħan tal-appartament tiegħu, sa fejn ir-regoli u l-parametri li fuq il-bażi tagħhom huma kkalkolati l-ispejjeż iffatturati lilu għall-konsum individwali tiegħu ta' enerġija termali għat-tisħin tal-appartament tiegħu u tal-ilma sħun għal użu domestiku jiggarantixxu t-trasparenza u l-eżattezza tal-kontabbiltà tal-konsum individwali.**

Firem